VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,970, 28 ta' Settembru, 2012
Taqsima B

A.L. 307 tal-2012

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)
Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda bħala r-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S 217. 04.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 6(12) tar-regolamenti prinċipali l-kliem "mingħajr preġudizzju għal dak id-dritt:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mingħajr preġudizzju għal dak id-dritt." u l-proviso tiegħu għandu jiġi mħassar.

Jirrevoka r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.